



# Il-mobilità u l-migrazzjoni tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant

## Sommarju Eżekuttiv

### Introduzzjoni

Bit-tkabbir tal-UE lejn l-Ewropa tal-Lvant, inxteħtet ħafna attenzjoni fuq l-effetti tal-migrazzjoni mill-10 Stati Membri tal-Ewropa Ċentrali u l-Lvant (f'dan l-istudju msejħin l-UE10) lejn dawk li kienu l-pajjiżi tal-UE15. Filwaqt li r-riċerka fuq is-suġġetti diġà stħarrġet il-kawżi, id-daqs u l-konsegwenzi tal-migrazzjoni ta' grupp partikolari minnhom, il-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa, saret inqas enfasi fuq l-identifikazzjoni tal-problemi speċifiċi komuni (bħan-nuqqas ta' dan il-grupp f'ċerti xogħlijiet) u s-soluzzjonijiet possibbli għall-UE10. Madankollu, is-sejbien ta' soluzzjonijiet huwa kompitu iktar ikkumplikat peress li n-nuqqas mhux dovut biss għal immigrazzjoni qawwija, iżda anki għal problemi oħrajn fis-sistemi tas-saħħa ta' dawn il-pajjiżi, bħall-attrazzjoni, jew l-iżbilanċi reġjonali u okkupazzjonali.

Dan ir-rapport jixħet dawl fuq l-isfidi ewlenin affaċċjati fl-UE10 minħabba n-numru għoli ta' professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa li qed jitolqu biex jaħdmu barra, b'enfasi fuq il-problemi speċifiċi u l-identifikazzjoni ta' suġġetti għal iktar riċerka. Analiżi dettaljata tal-konsegwenzi hija fundamentali, peress li jidher li l-influss ta' ċittadini minn pajjiżi terzi jew migrazzjoni ta' ritorn ma jkunux biżżejjed biex jikkompensaw għan-nuqqas ikkaġunat mill-fluss ta' ħruġ. Madankollu, peress li dan mhux minnu għal kollox għall-pajjiżi kollha, ir-rapport jippreżenta stampa maqsuma skont il-pajjiżi kkonċernati. L-istudju jinkludi r-riżultati ta' żewġ proġetti Ewropej ta' riċerka: Il-Mobilità tal-Professjonisti fil-Qasam tal-Kura tas-Saħħa (MoHProf) u l-Mobilità tal-Professjonisti fil-Qasam tal-Kura tas-Saħħa fl-Istudju tal-Unjoni Ewropea (PROMeTHEUS). Intgħażlu tliet pajjiżi biex jintwerew l-isfidi affaċċjati mis-settur tal-kura tas-saħħa – l-Ungerija, il-Litwanja u l-Polonja – u r-rapport jiffoka fuq l-aħħar tagħrif għad-dispożizzjoni dwar dawn il-pajjiżi. It-tliet pajjiżi ma jvarjawx biss fl-iskala tal-immigrazzjoni u x-xejriet tagħha, iżda anki dwar kif il-kriżi affettwat l-ekonomiji u s-swieq tax-xogħol tagħhom.

### Kuntest tal-politika

Il-migrazzjoni li qed tiżdied ta' professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa mill-UE10 qed tħasseb dejjem iktar lill-pajjiżi affettwati b'mod dirett, u anki lill-pajjiż tal-UE inġenerali, peress li din tista' tkompli żżid id-disparitajiet diġà eżistenti bejn il-pajjiżi Ewropej tal-Punent u dawk tal-Lvant. L-effetti avversi diġà ġew rikonoxxuti f'bosta dokumenti politiċi tal-UE, inkluża l-Green Paper tal-2008 tal-Kummissjoni dwar il-Forza tax-Xogħol Ewropea għas-Saħħa li tiddikjara li l-'moviment liberu jista' jkollu wkoll effetti negattivi hekk kif joħloq żbilanċi u inugwaljanzi f'termini ta' disponibilità ta' persunal tas-saħħa'.

In-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tal-kura tas-saħħa u soċjali ma jaffettwax biss lill-UE10, iżda anki lil Stati Membri oħrajn. Madankollu, il-flus kbir ta' ħruġ tal-ħaddiema mill-UE10 ċertament jista' jgħarraq is-sitwazzjoni f'dan il-grupp ta' pajjiżi. Il-Pakkett dwar l-Impjiegi tal-2012 tal-Kummissjoni Ewropea 'Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbondanti ta' impjiegi' jagħraf kemm huwa importanti r-rwol tas-setturi tal-kura tas-saħħa u soċjali fl-espansjoni tal-opportunitajiet tax-xogħol. Jidentifika wkoll in-nuqqas dejjem ikbar ta' ħaddiema bħala waħda mill-isfidi ewlenin tal-UE, flimkien ma' 'forza tax-xogħol li qed tixjieħ b'nuqqas ta' rekluti ġodda biex jieħdu post dawk li qed jirtiraw; il-feġġa ta' mudelli ġodda fil-kura tas-saħħa biex jiġu indirizzati bosta kundizzjonijiet kroniċi; l-użu dejjem ikbar ta' teknoloġiji li jeħtieġu taħlitiet ġodda ta' ħiliet; u żbilanċi fil-livelli ta' ħiliet u mudelli tax-xogħol'.

Il-mobilità tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa fi ħdan l-UE tista' tgħin biex ittaffi n-nuqqas ta' ħaddiema fl-UE15. Iżda fi ħdan il-kuntest, importanti li niffokaw fuq il-pajjiżi tal-UE10 sabiex jinstabu l-għażliet u s-soluzzjonijiet possibbli għalihom.

## Sejbiet ewlenin

Il-migrazzjoni ta' professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa minn pajjiżi terzi lejn ħafna mill-pajjiżi tal-UE10 huwa marġinali, hekk kif hija ferm inqas minn dik lejn il-pajjiżi tal-UE15. Il-migrazzjoni tagħhom lejn is-Slovenja hija oġġla minn kwalunkwe pajjiż ieħor fl-UE10.

Minkejja l-fluss ta' ħruġ kbir u n-nuqqas ta' ħaddiema li fl-UE10 diġà jinħass f'ċerti professjonijiet, bħalissa ma hemm l-ebda politika fis-seħħ bil-għan li tattira lil professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa minn pajjiżi terzi. Ir-raġuni hija parzjalment politika u parzjalment ekonomika – dawk li jfasslu l-politiki mhumiex ħerqana li jagħżlu din is-soluzzjoni minħabba kundizzjonijiet tal-għajxien li sejin lura, ekonomija li qed tiċkien u livelli għoljin ta' qgħad.

Barra minn hekk, hemm perċezzjoni ġenerali li n-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tal-kura tas-saħħa għandu jiġi solvut b'mezzi oħrajn, bħal żidiet fil-pagi, titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u taħriġ (mill-ġdid), kif diġà ġie esplorat minn xi wħud mill-Istati Membri. Barra minn hekk, hemm ħtieġa urġenti għall-ħaddiema sostituti f'oqsma speċifiċi tal-kura tas-saħħa.

Il-migrazzjoni ta' ritorn tinvolvi sehem kbir ta' migranti f'xi pajjiżi, bil-familja li hija r-raġuni ewlenija msemmija għar-ritorn. Din il-forma ta' migrazzjoni ssaħħet fil-Polonja iżda mhux daqs kemm kien previst. Minkejja l-aspettattivi kkaġunati mill-kriżi, b'mod ġenerali ma kienet esperjenzata l-ebda migrazzjoni ta' ritorn tal-massa mill-UE10.

Għad li hemm xi evidenza li l-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa li jemigraw jieħdu pożizzjonijiet flivell inqas minn dak li huma kkwalfikati għalih, il-kundizzjonijiet tal-ħajja u x-xogħol aħjar fil-pajjiżi ospitanti tal-UE15 donnhom jirbħu fuq dan l-aspett negattiv. Għaldaqstant, il-migrazzjoni ta' ritorn ma tistax tkun mistennija fuq skala kbira.

Minħabba l-forza tax-xogħol li qed tixjieħ fil-qasam tas-saħħa u d-domanda għolja għal persunal ġdid fl-UE15, għad irridu naraw kif l-UE10 ser ikunu jistgħu jlaħħqu ma' sfidi bħal dawn peress li f'ħafna minn dawn il-pajjiżi ma hemm l-ebda sostituzzjoni għall-forza tax-xogħol li qed tixjieħ fil-qasam tas-saħħa jew tħejjija strateġika għal dan fis-seħħ, u jidher improbabli li jistgħu jiżdiedu n-nefqi fuq is-saħħa.

## Indikazzjonijiet tal-politika

Il-pajjiżi kkonċernati min-nuqqas ta' ħaddiema ma għandhom l-ebda għażla ħlief li joqogħdu fuq strateġija fit-tul biex isolvu l-problemi fis-settur tas-saħħa tagħhom, b'appoġġ possibbli mill-UE. Strateġija bħal din għandha tkun imsejsa fuq sejbiet empiriċi solidi. Madankollu, hekk kif turi r-riċerka, hemm problema sostanzjali fil-ġbir ta' dejta għal din madwar l-UE. Minħabba f'hekk, l-Azzjoni Konġunta tal-Kummissjoni dwar l-Ippjanar u t-Tbassir tal-Forza tax-Xogħol fil-Qasam tas-Saħħa hija ta' importanza kbira u l-implimentazzjoni tagħha tista' tkun fundamentali biex tgħin lill-Istati Membri fid-definizzjoni tal-istrateġija fit-tul tagħhom stess.

Wara li jiġu identifikati s-sorsi tal-ineffiċjenzi attwali fi ħdan is-settur tal-kura tas-saħħa, wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' kwalunkwe strateġija fit-tul għandu jkun is-sejbien tal-iktar mezzi xierqa ta' indirizzar tal-problemi. Pereżempju, ikun utli li ssir analiżi dettaljata tar-raġunijiet għad-differenzi għoljin f'rekwiżiti totali tal-kwalifiki fis-settur tas-saħħa u l-ħidma soċjali madwar l-UE.

L-istrateġija għandha tindirizza wkoll ir-rwol ta' skemi privati. Għad irridu naraw kemm dawn l-iskemi għandhom jiġu estiżi fis-settur tal-kura tas-saħħa. Estensjoni mgħaġġla tista' trażżan ftit l-immigrazzjoni, iżda dan jista' jwassal għal twessigħ tal-inugwaljanzi soċjali, li diġà kienu sors ta' tensjoni fl-Istati Membri tal-UE10. Għaldaqstant, l-istrateġija fit-tul għandhom jiffasslu fi ħdan il-kuntest ta' implikazzjonijiet usa' fuq is-soċjetà.

Biex jiġi pprovdut appoġġ għat-tfassil ta' dawn l-istrateġiji fit-tul, hemm bżonn ta' stampa iktar ċara dwar l-eżistenza kombinata ta' skemi privati u pubbliċi tas-saħħa u l-implikazzjonijiet għas-sistemi tas-saħħa inġenerali. Għaldaqstant, din il-kwistjoni, inkluża r-relazzjoni bejn iż-żewġ skemi, għandha tkun soġġetta għal iktar riċerka.

### Aktar informazzjoni

Ir-rapport dwar il-*Mobility and migration of healthcare workers in central and eastern Europe* (Il-mobilità u l-migrazzjoni tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant) huwa disponibbli fuq <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1335.htm>

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil Klára Fóti, Maniġer tar-Riċerka, [Klara.Foti@eurofound.europa.eu](mailto:Klara.Foti@eurofound.europa.eu)